MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 249/2011

Malta Industrial Parks Limited (C28965)

*vs*

Fibermar Company Limited (C5962)

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ppresentat mis-socjeta' attrici fil-11 ta' Marzu, 2011, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi permezz ta' skrittura privata tal-hmistax (15) ta' Dicembru elfejn u tmienja (2008), kopja ta' liema skrittura tinsab annessa u mmarkata "Dok. A" is-socjeta konvenuta ikkostitwixxiet ruhha veru, cert u likwidu debitrici versu u a favur tas-socjeta attrici fl-ammont ta' mija u ghoxrin elf mija u wiehed u erbghin euro u tlieta u hamsin centezmu (€120,141.53) liema somma kellha tithallas b'pagamenti mensili;

2. Illi minkejja li din is-somma kellha tithallas fl-intier taghha sa Novembru 2010, is-socjeta konvenuta hallset biss is-somma ta’ erbgha u erbghin elf, seba’ mija u disghin euro u tnejn u sittin centezmu (€44,790.62) u ghalhekk baqghet moruza fl-ammont ta’ hamsa u sebghin elf tliet mija u hamsin euro u wiehed u disghin centezmu (€75,350.91);

3. Illi dan id-debitu hu cert likwidu u dovut u ma jikkostitwixxiex l-ghemil ta’ fatt;

4. Illi in vista tas-suespost isegwi li t-talbiet attrici huma ezegwibbli kontra s-socjeta konvenuta u ghalhekk jirrikorru l-elementi kollha mehtiega sabiex jigi dispensat s-smiegh tal-kawza a tenur ta’ l-Artikolu 167 *et seq* tal-Kap 12 u dan peress illi sa fejn taf l-esponenti, is-socjeta konvenuta m’ghandhiex eccezzjoni valida x’tissolleva f’dina l-kawza;

Illi r-raguni ta’ din it-talba hi li s-socjeta konvenuta hi debitrici tas-socjeta attrici tas-somma ta’ €75,350.91 liema somma tirraprezenta debitu rikonoxxut skond l-iskrittura privata tal-15 ta’ Dicembru 2008 u peress li s-socjeta konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet validi x’tissoleva, din il-kawza ghandha tinstema’ bil-procedura sommarja specjali.

Talabet prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni li s-socjeta’ konvenuta tghid ghaliex il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta’ l-Artikoli 167 *et seq* tal-Kap. 12;

2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas is-somma ta’ €75,350.91 liema somma tirraprezenta debitu

rikonoxxut skond l-iskrittura privata tal-15 ta' Dicembru 2008;

Bl-ispejjez, inkluz dawk u tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment, u bl-imghax kif miftiehem fl-istess skrittura privata tal-15 ta' Dicembru 2008 sad-data tal-pagament effettiv u b'rizerva ghal kull jedd ta' azzjoni spettanti lill-istanti ghal kull somma ulterjuri dovuta mis-socjeta konvenuta, kontra s-socjeta konvenuta minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat il-verbal ta' din il-Qorti tat-3 ta' Mejju, 2011 li permezz tieghu is-socjeta' konvenuta ammettiet it-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat;

Billi fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati.

Fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta, qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors guramentat u ghalhekk tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas is-somma ta' hamsa u sebghin elf tlett mija u hamsin ewro u wiehed u disghin centezmu (€75,350.91) liema somma tirraprezenta debitu rikonoxxut skond l-iskrittura privata tal-15 ta' Dicembru 2008 b'dan pero', kif ftehmu il-partijiet waqt is-seduta tat-3 ta' Mejju 2011, illi is-somma ta' hamsa u tletin elf ewro (€35,000) tithallas sat-30 ta' Settembru, 2011 u il-bilanc tas-sorte jithallas mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici sal-ahhar ta' Marzu 2012.

Bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------